9 ta' Ġunju, 1964

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Francesca Formosa

*versus*

Avukat Dottor Spiridione Camilleri noe

**Skrittura — Provi testimonjali kontra l-miktub.**

*Meta n-negozju uridiku jkun jirriżulta min dokument miktub il-prova kuntrarja għandha toħroġ mill-istess dokument.*

*L-eċċezzjonijiet għar-regola "contra scriptum non scriptum testimonium non fertur" huma fejn ikun hemm każ ta': (a) simulazzjoni, (b) żball fl-iskrittura (c) skop tad-delućidazzjoni ta' xi unt oskur jew ambigwu, u (d) prova ta' xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabili ma' l-iskrittura.*

Il-Qorti, — l-attur fiċ-ċitazzjoni qiegħed jitlob il-kundanna tal-konvenut nomine biex iħallsu s-somma ta' £198, kwantu għal £92.8.11 bilanċ dovut skond skrittura privata ta' kostituzzjoni ta' debitu (Dok. A esibita maċ-ċitazzjoni) għall-bilanċ ikbar ta' prezz ta' xogħol ta' bini u materjal provdut, u kwantu għal £105.11.8 imgħax fuq il-kapital imsemmi f'dik l-iskrittura bir-rata tal-5% fil-mija.

*Il-konvenut nomine eċċepixxa, preliminarjament l-inkom*petenza tal-Qorti "ratione materiae" u l-preskrizzjoni tant ta' sentejn kemm ta' ħames snin.

Fit-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni l-konvenut talab li jiġi ammess jipproduċi provi li l-obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali; u dana wara li l-attur ikkombattielu din l-eċċezzjoni billi werieh li fl-iskrittura stess, u preċiżament fil-klawsola Nru. 3 ġie dikjarat li d-debitu huwa ta' natura ċivili.

Il-Qorti żammet il-produzzjoni ta' kull testimonjanza fuq in-natura tad-debitu sakemm tingħata din id-deċiżjoni jekk dawk il-provi humiex ammissibili "contra scriptum".

Fuq dan il-punt preliminari l-Qorti ikkunsidrat:

1. Illi hija antika l-massima u l-prattika forensi li "contra scriptum non scriptum testimonium non fertur".

2. Illi fl-iskrittura in kwistjoni tat-23 ta' Awissu, 1954, iffirmata miż-żewġ partijiet, il-konvenut bħala okkupazzjoni, iddeskriva ruħu bħala "fil-kummerċ" imma fil-klawsola Nru. *3 il partijiet ftehmu li r-rata tal-interessi għandha tkun tal-5%* "u dan stante li l-imsemmi debitu huwa debitu ċivili".

3. Illi għalkemm il-kompetenza bejn il-Qorti Ċivili u dik Kummerċjali tirrigwarda materja ta' ordni pubbliku, u b'daqs-

hekk ma jistax jingħad li l-partijiet, meta daħlu fl-iskrittura in kwistjoni, ma kellhomx dritt u interess li jdaħħlu fiha d-dikjarazzjoni fuq imsemmija dwar in-natura tad-debitu, anke jekk dik id-dijarazzjoni titqies bħala waħda ta' importanza sekondarja u inċidentali fil-kontest tal-att kollu. Jista' jingħad li dik id-dikjarazzjoni hija infatti bażata fuq diversi interessi li seta' jkollhom. L-ewwel wieħed huwa dak ta' spjegazzjoni tar-rati tal-interessi, imma n-natura spjegativa tad-dikjarazzjoni ma tneħħiliex l-obbligatorjetà tagħha bejn il-partijiet li għandhom jiġu presenti sinċeri f'kull ma jiffirmaw. Barra minn dan huma setgħu riedu jevitaw il-konsegwenza tal-arrest personali u, fuq kollox, kienu fid-dritt kollu li minn dak l-att stess, u permezz tiegħu jevitaw *kwalunkwe ostakolu proċedurali futur preċiżament* fuq il-kwistjoni tal-kompetenza, għaliex hi kemm hi ta' ordni pubbliku, fl-aħħar mill-aħħar il-kompetenza tiddependi min-natura tal-att. Tant hekk li għalkemm l-atti tal-kummerċjant (kif hu deskritt il-konvenut) huma ċirkondati bi presunzjoni ta' kummerċjalità, dik il-presunzjoni tista' taqa' fuq il-bażi tal-kumpless taċ-ċirkostanzi tal-att.

4. Illi, inoltri, kif ġie deċiż fis-sentenza Drago vs. Bonavia pubblikata fil-kollez. Vol. XXXVI, iii, 684, meta in-negozju ġuridiku jkun jirriżulta minn dokument miktub, kif jirriżulta f'dan il-każ, il-prova kontrarja għandha toħroġ mill-istess dokument, għaliex, huwa lejn dak id-dokument li wieħed għandu *jirrikorri biex jistabilixxi jekk ġietx eskluża* l-presunzjoni tal-kummerċjalità, u l-Qorti ma għandhiex tirrikorri għall-provi estranei għall-att li minnu jemana l-vinkolu ġuridiku.

5. *Illi għalkemm fil-ġurisprudenza r-regola* "contra scriptum non scriptum non fertur" ġiet mitigata b'xi eċċezzjonijiet li ġew spjegati "in extenso" bir-raġunijiet tagħhom fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell pubblikata fil-Kollez. Vol. XXXVI, i, 119, il-Qorti tikkunsidra li r-raġunijiet miġjuba fil-konsiderandi Nru. 3 u 4 ta hawn fuq huma biż-

żejjed biex juru li dan huwa kas fejn ir-regola għandha tiġi applikata b'rigur, għaliex mentri fejn ikun hemm l-iskrittura hija din biss li tista' isservi biex teskludi il-kummerċjalità tal-att, fil-fatt, f'dan il-każ, il-partijiet, b'dik l-iskrittura, eskludewha. Għalhekk b'dik l-iskrittura l-partijiet ma għamlu xejn kontra xi norma ta' ordni pubbliku u ma ittantawx direttament jidderogaw għall-kompetenza imma sempliċement esklùdew, kif kellhom dritt jagħmlu, dik il-presunzjoni ta' kummerċjalità li, kieku ma kienx għal dik l-iskrittura, kienet isseħħ. Jekk b'daqshekk laqtgħu indirettament il-kompetenza tal-Qorti li għandha tieħu konjizzjoni tal-vertenza bejniethom, ma ġara xejn ħażin u l-iskrittura hija in ordni.

6. Illi inoltri anke kieku ma kienux suffiċjenti, anzi obbligatorji u konklusivi, ir-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti lanqas ma tista' tara kif il- każ preżenti jista' qatt jidħol fl-eċċezzjonijiet tar-regola "contra scriptum" kif riepilegati fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq imsemmija, u l-oħrajn ħiha ċitati. Infatti dan mhuwiex każ ta' simulazzjoni u jekk tneħħi s-simulazzjoni ma jibqax ħlief il-każ ta' (a) l-iżball fl-iskrittura jew (b) ta' l-iskop tad-deluċidazzjoni ta' xi punt oskur jew ambigwu, jew (c) tal-prova ta' xi fatt inċidentali jew aċċessorju li jkun konċiljabbli ma l-iskrittura, u huwa intuitiv li l-każ odjern ma jirrijentrax fl-ebda waħda minn dawn l-ipotesijiet;

7. Illi kif għallmet l-għola Qorti fis-sentenza fuq ċitata l-prinċipju "contra scriptum testimonium non scriptum non fertur" jibqa' jseħħ sakemm il-Qorti ma tkunx persważa li l-każ jidħol fl-eċċezzjonijiet approvati mill-ġurisprudenza u fuq kollox għandu jipprevali s-sens ta' ġustizzja u ta' ekwità tal-ġudikant. Issa, fil-każ preżenti, it-tentativ biex isir "Breccia" oħra f'dik ir-regola tant importanti għall-prattiċità u għal buona fede fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja qiegħed isir min-naħa tal-konvenut mhux in sostenn ta' xi dritt sostenzjali tiegħu

imma semplicement biex jottieni success f'eċċezzjoni ritwali li lilu ma tagħmillu ebda ġid kieku tiġi milqugħa, kif qal l-istess difensur tiegħu fit-trattazzjoni ħlief li tgħinu itawwal il-proċeduri sakemm jiġi lura Malta minn "dawra sal-Awstralja". Kontra ta' dan hemm l-interess l-ieħor tal-attur li jixtieq il-kawża tkompli biex ifittex jekk għandu dritt jikkanonizza l-kreditu tiegħu. Il-Qorti f'dan il-każ m'għandha l-ebda diffi*koltà tiddexxerni fejn hi l-ġustizzja.*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tirrespinġi t-talba tal-konvenut nomine biex jipproduċi li d-debitu huwa ta' natura kummerċjali, liema talba tinsab verbalizzata a fol. 14 tal-proċess, u tiddiferixxi l-kawża għat-trattazzjoni finali tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza għas-seduta tas-16 ta' Ġunju, 1964. L-ispejjeż relativi għal dan id-digriet jitħallsu kollha mill-konvenut nomine.